L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 5 ta' Ġunju 2021 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:50 a.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

## L-EWWEL TAQSIMA:

## IL-KOMPONIMENT

**Ikteb madwar 350 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti:**

1. Is-sigurtà fit-toroq u fl-infrastruttura huma importanti għal pajjiżna. Iddiskuti.
2. Ikteb rakkont li jispiċċa: "Mhux li kien dejjem ikun hekk."
3. L-attiviżmu taż-żgħażagħ fil-komunità.
4. Iddeskrivi ġurnata d-dar waqt l-imxija tal-COVID-19.

**(Total: 25 marka)**

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA:**

**A. FEHIM IT-TEST**

**Aqra s-silta li ġejja u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA ta' wara.**

**L-użu tal-alka: in-natura bħala sieħba industrijali**

L-istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar il-plastik f'ekonomija ċirkulari ġiet approvata f'Jannar 2018 u tindirizza l-isfida tal-użu tal-plastik: mill-waqtiet inizjali tal-produzzjoni sal-mument li ma jkunx hemm iktar użu għalih. Hi strateġija li tevalwa r-rwol tal-plastik fl-ekonomija u twassal biex id-disinn u l-produzzjoni tiegħu, u ta' prodotti magħmula minnu, jibdew jagħtu kas tar-riċiklar. Waħda mill-ikbar problemi tibqa' dik tal-plastik li jintuża darba u jintrema malajr (*single use plastics*), u li twassal għal żieda **astronomika** tal-iskart iġġenerat fil-pajjiżi.

Fil-pajjiżi li jagħtu kas ir-riċerka u jinvestu fiha, għaddejjin studji u esperimenti biex ikunu identifikati materjali alternattivi sostenibbli. Il-politika tas-sostenibilità f'dan il-kuntest għandha twassal mhux biss biex jonqos l-iskart iġġenerat imma wkoll li dan ikun l-inqas possibbli: preferibbilment eliminat. Uħud forsi jqisu din bħala ħolma.

Materjal alternattiv li dwaru preżentement qed issir ir-riċerka hi l-alka. Kumpanija bbażata f'Londra li tanalizza u tesperimenta b'ideat li jwasslu għal inizjattivi ġodda, qed teżamina l-użu ta' materjal naturali estratt mill-pjanti u l-alka, b'mod li jinħoloq materjal li jista' jintuża flok il-plastik u li jkollu **impatt** ambjentali ftit li xejn. Qed jitqies li l-alka tista' tkun il-materja prima li minnha jinħolqu alternattivi għall-fliexken, tazzi, platti, frieket, skieken tal-plastik u hekk ikun eliminat l-iskart kollu li dawn illum jiġġeneraw.

Il-portal elettroniku *Bio-based News* jikkwota riċerkatur ewlieni f'dan il-qasam li jsostni li mhux għaqli li "tuża tazza għall-kafè għal madwar nofs siegħa u mbagħad din tintrema biex **tiddiżintegra** fl-ambjent għal madwar 700 sena. Tidher **diskrepanza** enormi bejn kemm tintuża u kemm iddum teżisti." Dan għaliex it-tazzi tal-kafè huma miksijin b'materjal meħud miż-żjut. Din il-kisja twassal biex it-tazzi mormija jdumu ma jiddiżintegraw. Jekk, flok dan il-materjal jintużaw estratti prodotti mill-alka, id-dikompożizzjoni ssir f'perjodu ta' bejn 4 u 6 ġimgħat. Qabbel dan ma' 700 sena! Barra minn hekk, l-alka hi rħisa u tikber malajr. Mal-kosta nsibu kemm irridu minnha. X'qed nistennew? Qisna m'għandniex alka kemm irridu fl-ibħra Maltin! U nazzarda nistaqsi: x'qed iżommna milli jkollna politika industrijali li tkun sostenibbli, jiġifieri, fost l-oħrajn, politika li tinkoraġġixxi l-produzzjoni ta' prodotti li ma jkunux ta' ħsara ambjentali?

Il-politika industrijali għandha tkun sinkronizzata mal-istrateġija dwar l-iżvilupp sostenibbli hekk li l-ħolqien tal-ġid iseħħ b'mod li ma ssirx ħsara ambjentali. Dan l-artiklu jsemmi eżempju wieħed żgħir, dwar l-alka, li jekk iseħħ, jista' jkollu impatti konsiderevoli. Din il-politika trid tħares lejn tliet oqsma bażiċi: l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, tindirizza l-iskart tal-plastik, b'mod partikulari dak li jintuża darba u jintrema, u tqiegħed il-pedamenti għal politika industrijali sostenibbli.

Sfortunatament, f'Malta, il-politika dwar l-iżvilupp sostenibbli hi injorata. Ħafna m'għandhomx idea tal-potenzjal tan-natura li mhux qed jintuża. X'qed nistennew biex l-attività ekonomika taħdem id f'id man-natura? X'utilità għandhom id-diskorsi ma jispiċċaw qatt dwar l-ekonomija

ċirkulari, l-ekonomija l-blu u l-iżvilupp sostenibbli, jekk m'hemmx la l-kapaċità u lanqas il-ħeġġa biex il-kliem ikun tradott f'fatti konkreti?

In-natura hi s-sieħba li qed tistenna wara l-bieb: iċ-ċavetta ta' bosta opportunitajiet.

*(Carmel Caccopardo, "X'qed nistennew? Qisna m'għandniex alka kemm irridu fl-ibħra Maltin!", 30 ta' Novembru 2018)*

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dak li għadek kif qrajt:**

1. X'inhuma ż-**ŻEWĠ** għanijiet tal-istrateġija tal-Unjoni Ewropea fuq il-plastik? (2)
2. X'inhi l-'ħolma' li jirreferi għaliha l-awtur fit-tieni paragrafu tal-artiklu? (2)
3. X'riċerka qed issir f'Londra? X'vantaġġ kbir għandha għall-istrateġija tal-Unjoni Ewropea? (2)
4. Tħoss li l-awtur huwa entużjast b'din ir-riċerka? Xi jġagħlek taħseb hekk? (2)
5. Semmi **ŻEWĠ** fatturi li min ifassal il-politika industrijali għall-pajjiż jeħtieġ li jżomm quddiem għajnejh jekk verament iħobb l-ambjent. (2)
6. Skont l-awtur, Malta għadha 'l bogħod milli tuża sewwa l-potenzjal tan-natura b'mod sostenibbli. X'inhuma ż-**ŻEWĠ** raġunijiet li jara li qed iżommu lura lill-politiċi Maltin milli jagħmlu dan? (2)

**B. GĦARFIEN IL-LINGWA**

7. Agħti kelma jew frażi oħra li tfisser l-istess bħal:
   a. astronomika (par.1)
   b. impatt (par.3)
   ċ. tiddiżintegra (par.4)
   d. diskrepanza (par.4) (4)

8. Għal kull waħda minn dawn, sib kelma jew frażi minn paragrafu 4 li tfisser:
   a. materji li jittieħdu minn oġġetti oħra;
   b. taħsir;
   ċ. f'għadd ta' jiem jew ġimgħat;
   d. mad-dawra ta' Malta. (4)

9. Liema hija l-espressjoni fl-aħħar tas-silta li turi t-twemmin qawwi li għandu l-awtur fil-potenzjal tan-natura u l-benefiċċji li din għandha għalina jekk tassew nagħrfu nużawha bil-għaqal. (2)

**(Total: 22 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb din il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA:**

**IL-GRAMMATIKA**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

Il-kultura mitħaddta u miktuba f'Malta tirrifletti aktar minn kull ġeneru ieħor il-qasma qawwija bejn iż-żewġ klassijiet tradizzjonali: il-ħakkiema u l-maħkumin. Mgħobbi bl-iżvantaġġi kollha ta' storja partikulari, l-ilsien Malti tħalla għal żmien twil imwarrab, nieqes minn kull għarfien prattiku, imkażbar anki fid-definizzjoni u fl-istorja tal-iżvilupp tiegħu. Kellu jgħaddi ż-żmien biex il-preġudizzji jonqsu u l-kondizzjonijiet jitbiddlu sakemm mil-lingwa ssawret letteratura sħiħa. Madankollu, it-teatralità hi istint u l-espressjoni tagħha tfittex il-modi kollha. L-ambjent Mediterranju, is-sħubija tal-Maltin bejniethom, il-ħtieġa tad-divertiment, l-inizjattiva li titrawwem fi gruppi żgħar: dawn u fatturi oħrajn jistgħu jispjegaw għala l-Maltin għandhom tradizzjoni teatrali għanja ħafna. Hi għanja diġà jekk jitqies l-għadd ta' drammi ppubblikati jew maqlubin minn ilsna oħra; hi għanja wisq iżjed jekk jitqies il-fatt li bosta drabi, id-dramm jinħadem, ma jixxandarx fi ktieb, u jintesa. L-għadd ta' dawn l-okkażjonijiet hu bla tarf, wisq akbar milli hu mistenni fi ħdan il-ġemgħa żgħira.

*(Silta meħuda minn studju ta' Oliver Friggieri, 'Aspetti tat-Teatrin', li deher f'Kitbiet dwar it-Teatrin, Testimonjanzi, Intervisti u Analiżi, editur Mario Azzopardi, 2010.)*

1. Agħti n-negattiv femminil ta' **tħalla**. (1)
2. X'jissejjaħ il-plural li nsibu fil-kelma **klassijiet**? (1)
3. Nissel verb tal-10 Forma minn **għanja** skont kif użata fis-silta. (1)
4. Oħroġ nom fis-singular minn **tirrifletti**. (1)
5. Ta' liema forma hu l-verb **ssawret**? (1)
6. Agħti z-zokk morfemiku ta' **tradizzjonali**. (1)
7. Nissel l-aġġettiv komparattiv minn **qawwija**. (1)
8. Mis-silta sib u ikteb partiċipju attiv ta' nisel Semitiku. (1)
9. Mis-silta sib u ikteb frażi fl-istat kostrutt. (1)
10. Agħti l-għerq ta' **maħkumin**. (1)
11. Mis-silta sib verb li għandu pronom mehmuż. (1)
12. Mis-silta sib u ikteb avverbju tal-kwantità. (1)
13. Ikkonjuga l-verb **jitqies** fit-tielet persuna plural fil-perfett. (1)
14. Mis-silta sib nom verbali li ġej mis-Semitiku. (1)

**(Total: 14-il marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA:**

**IR-RAPPORT**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED mis-suġġetti li ġejjin. Agħti titlu lir-rapport. Jekk se tuża ismijiet ara li jkunu fittizji.**

1. Immaġina li inti kaxxier/a ġdid/a ta' supermarket magħruf, u wara li tkun għamilt il-kont ta' klijent u ħallsek, tinduna tard li l-flus kienu foloz. Ikteb rapport biex il-maniġer tas-supermarket jinvestiga l-każ u jiġi identifikat il-klijent u jittieħdu passi kontrih.

**JEW**

2. Ilbieraħ seħħet ġlieda kbira fit-toroq ewlenin ta’ Paceville bejn xi żgħażagħ Maltin u barranin. Ikteb rapport ta’ kif ġrat din il-ġlieda u kif intervjenew il-pulizija.

**(Total: 12-il marka)**

**IL-ĦAMES TAQSIMA:**

**L-ITTRA**

**Ikteb madwar 80 kelma fuq WIEĦED minn dawn is-suġġetti. Uża l-ismijiet u l-indirizzi mogħtija.**

1. Għaqda fir-raħal tiegħek (li jisimha Tagħna l-Ħbieb) qiegħda taħdem biex tiftaħ ċentru għal kull min hu fil-bżonn. Dan qed isir bis-saħħa ta’ ħafna voluntiera, kumpaniji, u benefatturi. Ikteb ittra lis-segretarju ta’ din l-għaqda sabiex tgħarrfu li se tkun qiegħed/qiegħda torganizza attività b’risq din il-kawża ġusta u tispjegalu wkoll meta se ssir u fiex tikkonsisti.

   Ismek: Alice/Mario Bugeja
   L-indirizz tiegħek: 17, Triq l-Imħabba, Ħal Kirkop, KKP 1571.
   L-indirizz tal-Għaqda (Tagħna l-Ħbieb): 14, Triq l-Iskola, Ħal Kirkop, KKP 1511.

**JEW**

2. Ikteb email lill-kap tal-uffiċċju tiegħek, li fiha titolbu, minħabba diversi raġunijiet, sabiex jikkonsidra li taħdem mid-dar minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

   Ismek: Rita/Toni Grima
   L-indirizz elettroniku tiegħek: ritton@komp.com
   L-indirizz elettroniku tal-kap tal-uffiċċju tiegħek: rafel@komp.com

Lil:
Mingħand:
Data:
Suġġett:

..........................................................................................................................

..........................................................................................................................

..........................................................................................................................

**(Total: 12-il marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIA |
| DATA: | 5 ta' Ġunju 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Jum San Valentin* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Jum San Valentin***, Maria Grech Ganado

X'inhi l-kelma qed tirtogħod
hemm fuq ix-xefaq ta' dan il-jum?
Mhijiex ballun, ħafif u lest
għal-logħob. Pjuttost xi balla
li din l-għodwa qiegħda tistenna
l-kanun ta' ħalqi, lil qalbi
mkebbsa b'rabja liema bħalha –
tistenna l-isfog.

Mela llum sejra npittirlek
kartolina, u nħażżiżilha
l-kuluri li jixirqulha:
iswed duħħan bħal moħħi
aħmar nar bħal demmi jbaqbaq –

ja traditur
ma xbajtx tirriġettani minn ġo
ħajtek!

**Wieġeb:**

1. Fisser fi kliemek is-sensazzjonijiet li tqajjem il-poetessa permezz tal-frażi: "l-kanun ta' ħalqi" fl-ewwel strofa. (4)

2. Dak li tgħid il-poetessa fl-ewwel żewġ strofi jwassal għad-dikjarazzjoni li tagħmel fit-tielet strofa. X'figura tat-taħdit qiegħda tħaddem f'dan il-kuntest, u x'effett toħloq? (4)

3. Fisser il-kuntrast li toħloq il-poetessa permezz tal-verbi "npittirlek" u "nħażżiżilha" fit-tieni strofa. (4)

4. Ikteb dwar il-metrika li tħaddem il-poetessa f'din is-silta tal-poeżija. Kif torbot din il-metrika mat-tema tal-poeżija? (4)

5. Xi trid tfisser il-poetessa bil-kelma "tirriġettani"? Fisser l-emozzjoni li tqanqal biha. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din il-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Żagħżugħ ta' Dejjem***, Dun Karm Psaila

fik il-milja tal-ħajja;
qalbek tħabbat bla heda u sidrek magħha
jofrogħ u jimla, u tgħoddlok
il-mewġa fuq ix-xtut it-taħbit tagħha.

U bħal wieħed li ġarrab
il-ħakma tal-imħabba, int 'il-art ħanina
tħaddan u tbus u tkellem,
u l-kelma li tgħidilha hi safja u bnina!

Iżda meta ta' saħħtek
jogħġbok il-kotra b'xi taqliba tfisser,
u nara 'l sidrek jikber,
u l-ħalel bojod fuq il-blat titkisser,

jaqbadni l-biża' u nibki
narak taqbad l-iġfien u tilgħab bihom,
bla xejn ma taħseb, kiefer!
fid-dmugħ tal-imsejknin li hemm ġo fihom.

Imma togħġobni, nħobbok,
ja Baħar, meta tfajjel mingħajr dnewwa,
tinxteħet fuq ir-ramel
ta' xtajta u kollok ċajt u kollok ħlewwa

tilgħab b'werqa tal-alka,
jew b'sebgħek tinbex xi bebbux fil-bejta,
u tħaxwex dik il-għanja
li tgħallimtha fil-bidu u qatt ma nsejtha.

**Wieġeb:**

1. Tul il-poeżija, il-poeta jindirizza lill-baħar. X'inhi l-figura tat-taħdit, u x'effett jinħoloq bl-użu tagħha? (4)

2. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi: "qalbek tħabbat bla heda"? X'effett joħloq il-poeta b'din il-figura? (4)

3. Fit-tielet strofa ta' din is-silta, għaliex il-poeta jirreferi għall-mewġ bħala "ħalel bojod"? (4)

4. Fl-inkonxju tiegħu, x'taħseb li ried ifisser il-poeta meta kiteb: "taqbad l-iġfien u tilgħab bihom, / bla xejn ma taħseb, kiefer! / fid-dmugħ tal-imsejknin li hemm ġo fihom"? (4)

5. Ikteb dwar il-metrika li jħaddem il-poeta f'din il-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Il-Koranta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Il-Koranta***, Oliver Friggieri

Il-ħbiberija tagħha ma' Indrì bdiet bla ħsieb. Ħadd mit-triq ma kien għadu ntebaħ biha. Ir-raġel kien beda jitfaċċa fil-kantuniera b'sorra mdaqqsa fuq spalltu, u wara li jifrex fl-art kulma kien ikollu fiha, in-nies kienu jieqfu jħarsu lejh u min jistaqsih x'kellu għall-bejgħ, u min inemmislu bil-ħatfa bħallikieku jrid jistaqsi liema riħ stramb kien tefgħu hemm. Għax Indrì, għażeb imdaħħal fil-ħamsin, kien jintefa' bilqiegħda fuq biċċtejn kutri qodma, imżarrtin u b'xi erba' rqajja' li jispikkaw, u jistenna l-ġirien ġejjin jagħtuh ix-xogħol. Min iġiblu xi borma mtaqqba, u min xi ġugarell imkisser li tilef ħafna mill-fakultajiet saħħarija tiegħu. Il-landier, huwa u jistagħġeb kif dawn l-oġġetti kienu għadhom ma ntremewx, kien jixħet kollox maġenbu u jissokta jqabbad in-nar u jissaldja. Il-ħoss maħtuf tan-nar imkebbes kien jinstema' sewwa mit-tieqa tal-Koranta u hi kienet tfittex l-iċken ħaġa mtaqqba jew imsadda u tagħtiha lil dak ir-raġel, mibgħut minn San Ġużepp.

Ġieli kienet tnewwillu xi kikkra te għall-ħabta tal-għaxra, u ħsiebha kien ikun fil-kelmtejn torja ta' radd il-ħajr li kien jgħidilha r-raġel huwa u jħares lejha ftit aktar milli kien meħtieġ. Ġieli xtaqet tgħolli rasha lejn il-persjani mbexxqa .... Tgħid ma kienx hemm xi żewġ seksieka jfittxu kull pass li tagħmel?

Meta qatgħuha li jiżżewġu, il-Koranta kienet qisha twieldet mill-ġdid. Il-biċċa qanqlet lil min jibda jitħasseb, u s-seksieka tat-triq ma damux ma bdew iqasstu fuqha, min jgħid ħaġa u min ipaspar oħra. Dak li kien se jiġri tabilħaqq kien ilu jingħad biss bħala ċajta, impossibiltà ċara, ħlieqa tal-ġirien li jridu jsibu lil xi ħadd biex jitkellmu fuqu, u kien 'il bogħod wisq minn dak li ħasbu li seta' jsir.

**Wieġeb:**

1. X'tip ta' relazzjoni kienet teżisti bejn il-Koranta u n-nies tar-raħal? Islet **TLIET** frażijiet li juru dan. (4)

2. Xi nsiru nafu dwar il-karattru tal-Koranta minn dak li naqraw f'din is-silta? (4)

3. Islet **ŻEWĠ** sentenzi mis-silta li juru kif il-Koranta bdiet tinġibed lejn Indrì. Għaliex inġibdet lejh? (4)

4. X'żewġ affarijiet emmnet il-Koranta meta ntebħet li Indrì xeħet għajnejh fuqha? Ikteb **ŻEWĠ** siltiet mis-silta biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)

5. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "il-Koranta kienet qisha twieldet mill-ġdid"? Fisser l-effett li toħloq din il-figura. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Ċensina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ċensina,*** Lino Spiteri

It-taħbita tiegħu fuq il-bieb tagħha ma weġibha ħadd. Stenna għal ftit u reġa' ħabbat. Imbagħad tela' s-sular ta' fuq. Ħaseb li jistaqsi hemm għal Ċensina, u fl-istess ħin ipatti għal li meta kien mar qabel ma sabhomx ġewwa.

Fetħet il-bieb tal-kewba mara mżarġna, sigarett nofsu maħruq f'ħalqha.

"Tas-Sanità?" ħatfitu. "Wasaltu fl-aħħar? Għarukaża, għandna iżjed ġrieden minn ġirien madwarna. Din Malta ġdida tagħkom?"

Skużat ruħha xħin beda jgħidilha min hu u għarfitu, u qaltlu jgħaddi. L-appartament lanqas kien jingħaraf li mibni fuq ta' taħtu. Barra ċ-ċeramika, purtieri ħfief bi strixxi kuluri ħajja u salott modern xħin tidħol, ra li l-kamra kienet ikbar, it-trepied mitluf fil-wisa' li ħadu bit-twaqqigħ tal-ħajt għall-kamra ta' warajh.

Tenniet tiskuża ruħha li hi u l-ħabib tagħha ma kinux hemm meta mar iżurhom, ħarġu ftit qabel għal biċċa xogħol barra.

"Imma tibżax, Onorevoli, aħna għalik. M'aħniex minn hawn, imma wiċċek għoġobni malli rajt ir-ritratt, għalkemm naħseb mhux t'issa, e-e? Imma żammejt tajjeb; *you look mature* – ngħidlek la m'hawnx sieħbi. Dak daqsxejn *jealous.* Imma lilu togħġbu wkoll. Meta bgħattilna r-ritratt, mar staqsa fuqek – jaf ix-xjaten kollha, dak. Qalli li sema' *you carry weight*, u nistgħu nsibuk f'li jinqalgħalna, *you never know ...*"

Ħa n-nifs. Żewġ tazzi friski oħra fin-nixfa ta' dax-xagħri. Hu x'inhu sidu, kull vot jgħodd wieħed, kien tgħallem ħafna snin ilu. Hawnhekk sab tnejn: ix-xejn, xejn għall-inqas. "Imma, Ċensina .... dik ta' taħtkom?"

"Dik il-maħmuġa? M'għadhiex hawn. Għad baqa' kemm trid ġrieden, imma minnha għall-inqas ħlisna. Fl-aħħar tgerrxet minn hawn."

"X'għamlet?"

"Tgerrxet .... L-ewwel kienet isfel, tmur tħalli l-ħobż niexef għall-ġrieden, *crazy fool*. Qabad il-ħaxix, u kienet se tinħaraq ..."

"Qabad ...?"

"Insomma *you know ...* dik in-nixfa, xi ħadd waqqa' ftit *fuel* ... taqa' ġamra ... *anything can happen.*" U għemżitu. "Imbagħad daħlulha, jippruvaw jisirquha ..."

"Lil Ċensina? Dik x'kellha x'jisirqulha!"

**Wieġeb:**

1. Minn dak li naqraw f'din is-silta, il-mara kif kienet tittratta lil Ċensina? Islet **ŻEWĠ** kelmiet jew frażijiet li jagħtu prova ta' dan. (4)

2. Mill-mod kif il-mara tkellem lid-deputat, xi nsiru nafu dwar il-karattru tagħha? (4)

3. Is-sentenza li tgħid il-mara lid-deputat, jiġifieri "nistgħu nsibuk f'li jinqalgħalna," tista' tinftiehem f'żewġ modi opposti ta' xulxin. Fissirhom, u għid għaliex. (4)

4. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fis-sentenza: "Żewġ tazzi friski oħra fin-nixfa ta' dax-xagħri"? Fisser l-effett li toħloq din il-figura. (4)

5. Fisser x'importanza għandhom il-ġrieden fil-kuntest tal-ġrajja tan-novella. (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENTI LETTERARJI – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel ŻEWĠ mistoqsijiet u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma fuq kull mistoqsija. Ma tistax tuża u tirreferi għax-xogħlijiet letterarji (poeżiji u novelli) li ngħataw fit-taqsimiet tar-referenza għall-kuntest. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet l-oħrajn. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. L-immigrazzjoni irregulari hija pjaga dinjija li twassal biex ħafna nies ibatu l-inġustizzja u l-firda. Iddiskuti dan billi tirreferi għal xogħlijiet li studjajt mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*. (15)

2. In-nostalġija għall-imħabba tkun memorabbli meta tħalli effett sabiħ fuqek bħala persuna. Kif jidher dan fix-xogħlijiet letterarji ta' *Bejn Ħaltejn*? (15)

3. Il-kittieba jiktbu fuq l-aġir tas-soċjetà u ċ-ċittadini minn diversi angoli differenti. Uri kif dan hu minnu billi tirreferi għal xi xogħlijiet minn *Bejn Ħaltejn*. (15)

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 400 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħol. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. F'dan ir-rumanzett insibu ħames ġenerazzjonijiet li tnisslu mir-relazzjoni sigrieta bejn il-Baronċin Mark Antonin u l-bidwija Rużann. Il-kwalitajiet pożittivi tagħhom baqgħu jikbru fost dawn il-ġenerazzjonijiet. Iddiskuti dan b'referenza għal kull ġenerazzjoni.

2. Mill-parti tar-rakkont fejn jissemma l-karattru ta' Marija sal-aħħar, tinkixef fil-wiċċ ix-xewqa ta' ħafna Maltin, li għexu taħt xi ħakma jew oħra, li xi darba jkunu jistgħu jmexxu lil pajjiżhom mingħajr l-indħil ta' ebda barrani. Uri kif dan hu minnu b'referenza għar-rumanzett 'Il-Ħarsa ta' Rużann'.

**(Total: 30 marka)**

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**SESSJONI PRINĊIPALI 2021**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | IIB |
| DATA: | 5 ta' Ġunju 2021 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:05 p.m. |

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA** tal-karta. Ikteb b'Malti tajjeb u idjomatiku.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**L-EWWEL TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-POEŻIJA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-poeżija *Jum San Valentin* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Jum San Valentin***, Maria Grech Ganado

X'inhi l-kelma qed tirtogħod
hemm fuq ix-xefaq ta' dan il-jum?
Mhijiex ballun, ħafif u lest
għal-logħob. Pjuttost xi balla
li din l-għodwa qiegħda tistenna
l-kanun ta' ħalqi, lil qalbi
mkebbsa b'rabja liema bħalha –
tistenna l-isfog.

Mela llum sejra npittirlek
kartolina, u nħażżiżilha
l-kuluri li jixirqulha:
iswed duħħan bħal moħħi
aħmar nar bħal demmi jbaqbaq –

ja traditur
ma xbajtx tirriġettani minn ġo
ħajtek!

**Wieġeb:**

1. Fisser x'inhi l-importanza tal-frażi "dan il-jum" li nsibu fit-tieni vers, fil-kuntest tal-poeżija. (4)
2. X'emozzjoni qiegħda tħoss il-poetessa? Ikkwota **TLIET** kelmiet mill-poeżija li jsaħħu l-għażla li għamilt. (4)
3. Ikkummenta dwar ir-referenza li tagħmel il-poetessa għall-"kartolina" fit-tieni strofa. (4)
4. X'inhi l-figura tat-taħdit li toħloq il-poetessa bil-kelmiet "ballun" u "balla"? Fisser l-effett li toħloq b'din il-figura. (4)
5. Ikteb dwar il-metrika li qiegħda tħaddem il-poetessa f'din il-poeżija. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din il-poeżija *Żagħżugħ ta' Dejjem* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Żagħżugħ ta' Dejjem***, Dun Karm Psaila

fik il-milja tal-ħajja;
qalbek tħabbat bla heda u sidrek magħha
jofrogħ u jimla, u tgħoddlok
il-mewġa fuq ix-xtut it-taħbit tagħha.

U bħal wieħed li ġarrab
il-ħakma tal-imħabba, int 'il-art ħanina
tħaddan u tbus u tkellem,
u l-kelma li tgħidilha hi safja u bnina!

Iżda meta ta' saħħtek
jogħġbok il-kotra b'xi taqliba tfisser,
u nara 'l sidrek jikber,
u l-ħalel bojod fuq il-blat titkisser,

jaqbadni l-biża' u nibki
narak taqbad l-iġfien u tilgħab bihom,
bla xejn ma taħseb, kiefer!
fid-dmugħ tal-imsejknin li hemm ġo fihom.

Imma togħġobni, nħobbok,
ja Baħar, meta tfajjel mingħajr dnewwa,
tinxteħet fuq ir-ramel
ta' xtajta u kollok ċajt u kollok ħlewwa

tilgħab b'werqa tal-alka,
jew b'sebgħek tinbex xi bebbux fil-bejta,
u tħaxwex dik il-għanja
li tgħallimtha fil-bidu u qatt ma nsejtha.

**Wieġeb:**

1. Għal xiex qiegħed jirreferi l-poeta bil-kelma "sidrek" fl-ewwel strofa? X'inhi l-figura tat-taħdit u x'effett toħloq? (4)

2. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi: "bħal wieħed li ġarrab / il-ħakma tal-imħabba"? Fisser x'effett toħloq din il-figura. (4)

3. F'kull strofa hemm żewġ tulijiet differenti ta' versi. Spjegahom. X'effett iħallu? (4)

4. X'kuntrast qiegħed joħloq il-poeta fl-aħħar erba' strofi ta' din is-silta? Fissru fi kliemek. (4)

5. Mill-aħħar żewġ strofi ta' din is-silta, islet **ERBA'** kelmiet jew frażijiet li jqanqlu sentiment ta' ħlewwa. (4)

**(Total: 20 marka)**

**IT-TIENI TAQSIMA: IR-REFERENZA GĦALL-KUNTEST – IL-PROŻA**

**Agħżel silta WAĦDA (A JEW B).**

**A. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Il-Koranta* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Il-Koranta***, Oliver Friggieri

Il-ħbiberija tagħha ma' Indrì bdiet bla ħsieb. Ħadd mit-triq ma kien għadu ntebaħ biha. Ir-raġel kien beda jitfaċċa fil-kantuniera b'sorra mdaqqsa fuq spalltu, u wara li jifrex fl-art kulma kien ikollu fiha, in-nies kienu jieqfu jħarsu lejh u min jistaqsih x'kellu għall-bejgħ, u min inemmislu bil-ħatfa bħallikieku jrid jistaqsi liema riħ stramb kien tefgħu hemm. Għax Indrì, għażeb imdaħħal fil-ħamsin, kien jintefa' bilqiegħda fuq biċċtejn kutri qodma, imżarrtin u b'xi erba' rqajja' li jispikkaw, u jistenna l-ġirien ġejjin jagħtuh ix-xogħol. Min iġiblu xi borma mtaqqba, u min xi ġugarell imkisser li tilef ħafna mill-fakultajiet saħħarija tiegħu. Il-landier, huwa u jistagħġeb kif dawn l-oġġetti kienu għadhom ma ntremewx, kien jixħet kollox maġenbu u jissokta jqabbad in-nar u jissaldja. Il-ħoss maħtuf tan-nar imkebbes kien jinstema' sewwa mit-tieqa tal-Koranta u hi kienet tfittex l-iċken ħaġa mtaqqba jew imsadda u tagħtiha lil dak ir-raġel, mibgħut minn San Ġużepp.

Ġieli kienet tnewwillu xi kikkra te għall-ħabta tal-għaxra, u ħsiebha kien ikun fil-kelmtejn torja ta' radd il-ħajr li kien jgħidilha r-raġel huwa u jħares lejha ftit aktar milli kien meħtieġ. Ġieli xtaqet tgħolli rasha lejn il-persjani mbexxqa .... Tgħid ma kienx hemm xi żewġ seksieka jfittxu kull pass li tagħmel?

Meta qatgħuha li jiżżewġu, il-Koranta kienet qisha twieldet mill-ġdid. Il-biċċa qanqlet lil min jibda jitħasseb, u s-seksieka tat-triq ma damux ma bdew iqasstu fuqha, min jgħid ħaġa u min ipaspar oħra. Dak li kien se jiġri tabilħaqq kien ilu jingħad biss bħala ċajta, impossibiltà ċara, ħlieqa tal-ġirien li jridu jsibu lil xi ħadd biex jitkellmu fuqu, u kien 'il bogħod wisq minn dak li ħasbu li seta' jsir.

**Wieġeb:**

1. X' inhi l-għamla ta' din is-silta: deskrittiva jew narrattiva? Għaliex taħseb li hija hekk? (4)

2. Il-ġirien kif kienu jittrattaw lill-Koranta? Islet **TLIET** kelmiet jew frażijiet mis-silta biex issaħħaħ dak li ktibt. (4)

3. Għal liema raġuni n-narratur jgħid li Indrì kien "mibgħut minn San Ġużepp"? Liema aspett mill-karattru tal-Koranta jinkixef permezz ta' dan? (4)

4. Il-Koranta għarfet li se ssir bidla mill-passat għall-futur ta' ħajjitha. X'inhu dan il-kuntrast? (4)

5. Ikteb **ŻEWĠ** kwotazzjonijiet, u permezz tagħhom fisser fi kliemek kif il-Koranta riedet tiġbed is-simpatija ta' Indrì lejha. (4)

**(Total: 20 marka)**

**JEW**

**B. Aqra sewwa din is-silta mill-proża *Ċensina* u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:**

***Ċensina,*** Lino Spiteri

It-taħbita tiegħu fuq il-bieb tagħha ma weġibha ħadd. Stenna għal ftit u reġa' ħabbat. Imbagħad tela' s-sular ta' fuq. Ħaseb li jistaqsi hemm għal Ċensina, u fl-istess ħin ipatti għal li meta kien mar qabel ma sabhomx ġewwa.

Fetħet il-bieb tal-kewba mara mżarġna, sigarett nofsu maħruq f'ħalqha.

"Tas-Sanità?" ħatfitu. "Wasaltu fl-aħħar? Għarukaża, għandna iżjed ġrieden minn ġirien madwarna. Din Malta ġdida tagħkom?"

Skużat ruħha xħin beda jgħidilha min hu u għarfitu, u qaltlu jgħaddi. L-appartament lanqas kien jingħaraf li mibni fuq ta' taħtu. Barra ċ-ċeramika, purtieri ħfief bi strixxi kuluri ħajja u salott modern xħin tidħol, ra li l-kamra kienet ikbar, it-trepied mitluf fil-wisa' li ħadu bit-twaqqigħ tal-ħajt għall-kamra ta' warajh.

Tenniet tiskuża ruħha li hi u l-ħabib tagħha ma kinux hemm meta mar iżurhom, ħarġu ftit qabel għal biċċa xogħol barra.

"Imma tibżax, Onorevoli, aħna għalik. M'aħniex minn hawn, imma wiċċek għoġobni malli rajt ir-ritratt, għalkemm naħseb mhux t'issa, e-e? Imma żammejt tajjeb; *you look mature* – ngħidlek la m'hawnx sieħbi. Dak daqsxejn *jealous.* Imma lilu togħġbu wkoll. Meta bgħattilna r-ritratt, mar staqsa fuqek – jaf ix-xjaten kollha, dak. Qalli li sema' *you carry weight*, u nistgħu nsibuk f'li jinqalgħalna, *you never know ...*"

Ħa n-nifs. Żewġ tazzi friski oħra fin-nixfa ta' dax-xagħri. Hu x'inhu sidu, kull vot jgħodd wieħed, kien tgħallem ħafna snin ilu. Hawnhekk sab tnejn: ix-xejn, xejn għall-inqas. "Imma, Ċensina .... dik ta' taħtkom?"

"Dik il-maħmuġa? M'għadhiex hawn. Għad baqa' kemm trid ġrieden, imma minnha għall-inqas ħlisna. Fl-aħħar tgerrxet minn hawn."

"X'għamlet?"

"Tgerrxet .... L-ewwel kienet isfel, tmur tħalli l-ħobż niexef għall-ġrieden, *crazy fool*. Qabad il-ħaxix, u kienet se tinħaraq ..."

"Qabad ...?"

"Insomma *you know ...* dik in-nixfa, xi ħadd waqqa' ftit *fuel* ... taqa' ġamra ... *anything can happen.*" U għemżitu. "Imbagħad daħlulha, jippruvaw jisirquha ..."

"Lil Ċensina? Dik x'kellha x'jisirqulha!"

**Wieġeb:**

1. Ikteb **ŻEWĠ** kwalitajiet li nsiru nafu dwar il-politiċi minn dak li naqraw f'din is-silta. Islet frażi jew sentenza għal kull kwalità li ssemmi. (4)

2. X'inhi l-figura tat-taħdit li nsibu fil-frażi: "żewġ tazzi friski"? Fisser l-effett li toħloq din il-figura. (4)

3. a) Il-mara li qed tkellem lid-deputat kienet: (Agħżel **WAĦDA)** (4)
   i. umli
   ii. klassista
   iii. ħelwa
   iv. anzjana

   b) Ikteb mill-inqas **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex għamilt l-għażla li għamilt.

4. X'importanza għandhom il-ġrieden fil-kuntest ta' din is-silta? (4)

5. Ikteb **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex is-silta tispiċċa bid-deputat jiskanta : "Dik x'kellha x'jisirqulha!" (4)

**(Total: 20 marka)**

***Jekk jogħġbok aqleb din il-paġna.***

**IT-TIELET TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *BEJN ĦALTEJN* (BARRA *IL-ĦARSA TA' RUŻANN*)**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Ma tistax tuża u tirreferi għax-xogħlijiet letterarji (poeżiji u novelli) li ngħataw fit-taqsimiet tar-referenza għall-kuntest. Tinsiex tirreferi għax-xogħlijiet l-oħrajn. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mix-xogħlijiet tal-antoloġija.**

1. L-immigrazzjoni irregulari tolqot ħażin lil ħafna nies b'diversi modi. Uri dan billi tirreferi għal xogħlijiet li studjajt mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

**JEW**

2. Is-soċjetà mhux dejjem tirrifletti l-valuri vera ta' kif wieħed għandu jkun ċittadin tajjeb. Iddiskuti dan billi tirreferi għal xi xogħlijiet minn *Bejn Ħaltejn*.

**(Total: 30 marka)**

**IR-RABA' TAQSIMA: IL-KOMPONIMENT LETTERARJU – *IL-ĦARSA TA' RUŻANN* TA' FRANCIS EBEJER**

**Agħżel mistoqsija WAĦDA u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma. Tinsiex tirreferi għax-xogħol. M'hemmx għalfejn tikkwota kelma b'kelma mir-rumanzett.**

1. F'dan ir-rumanzett insibu ħames ġenerazzjonijiet li tnisslu mir-relazzjoni ta' Mark Antonin u Rużann. Il-kwalitajiet pożittivi tagħhom baqgħu jikbru fihom. Iddiskuti dawn il-kwalitajiet billi tirreferi għall-ġenerazzjonijiet ta' Karmenu u ta' Marija.

**JEW**

2. Fit-taqsima *Il-Ħarsa f'Għajnejn Pietru* għandna x-xewqa aħħarija tal-protagonist li l-poplu Malti jkollu rieda nazzjonali u kollettiva. Uri kif dan hu minnu b'referenza għal din it-taqsima fir-rumanzett 'Il-Ħarsa ta' Rużann'.

**(Total: 30 marka)**